

# Il-baned fil-festi Maltin

kitba ta' Victor Scerri

Wieħed mill-elementi li jagħmlu festa mlewna, huwa l-element tal-baned. Il-banda kienet, għadha u tibqa' popolari. Imfittxija u mismugħa b'dehwa kemm mix-xjuħ kif ukoll minn dawk iżgħar minnhom u żgħażagħ. Apprezzata kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel. Saħansitra, togħġob ukoll lit-tfal. Il-banda hija simbolu ta' kultura u sliem.

Il-banda, bħala element mużikali, tipparteċipa f'diversi tipi ta' festi. Tipparteċipa fil-festi relġjużi (liema festi l-iktar li nassoċjaw mal-banda ta' l-anqas f'pajjiżna). Imma tipparteċipa daqstant ieħor fil-festi (jew aħjar manifestazzjonijiet) politiċi, fil-festi (jew ċelebrazzjonijiet) sportivi, fil-festi nazzjonali bħall-Karnival jew okkażjonijiet statali.

Mela jekk nanalizzaw *in fondo* l-element bandistiku kif relatat ma' tipi diversi ta' festi, naraw li hemm rabta sinjifikattiva bejn manifestazzjonijiet varji u d-daqq, il-mużika li tippopolarizza iktar il-festa, li tħeġġeġ lin-nies preżenti biex isiru udjenza parteċipattiva u mhux biss spettatriċi passiva, kif ukoll tgħolli l-moral kollettiv kif mistħoqq.

Il-Banda tqanqal, u ż-żgħażagħ erħilhom jaqbżu u jifirħu, idoqqu u jkantaw magħha. Din hija s-sbuħija tal-banda f'belt jew raħal u tkun ta' liema festa jew każin tkun. F'ċerti bliet u rħula hemm iktar minn banda waħda. Dan għandu jgħin sabiex il-lokalità tkun iktar ikkulurita u sabiħa. U meta jkun hemm l-għaqda dan l-element joħroġ waħdu, mingħajr tqanżiħ xejn.

## Tradizzjoni

L-istorja tal-baned f'pajjiżna, hija waħda twila u mill-aktar interessanti. Il-fundaturi tal-baned qodma għadhom kif jixraq kommemorati kontinwament mis-Soċjetajiet Mużikali rispettivi tagħhom, u hemm saħansitra manuskritti li ġewwa fihom hemm imniżżel isimhom, tant imfaħħar u mfakkar, anki fuq irħam kommemorattiv imwaħħal

permanentement fil-Każin innifsu.

Isimhom prominenti juri kemm il-Maltin u l-Għawdxin, kemm dawk dilettanti tal-mużika bandistika u innijiet oħra, kif ukoll dawk li forsi m'humiex daqstant, jafu jkunu rikonoxxenti lejn minn ħaseb, ħadem u ppjana sewwa u bena fuq pedamenti sodi dawn is-soċjetatjiet Mużikali li għadhom magħna sal-lum u li minn ħdanhom ħarġet il-famuża banda tagħna.

Imbagħad hemm il-lussu ta' Maestri primi li kkondottaw il-Banda nnifisha. Ismijiet ta' ħafna Taljani u Maltin li taw kontribut inkalkulabbli lis-Soċjetajiet Mużikali tal-gżejjer tagħna, imżejna u mogħnijin b'wirt artistiku u kulturali, li huwa l-għira ta' pajjiżi ferm ikbar minnha u wisq aktar sinjuri minna. Surmastrijiet illustri li llum m'għadhomx magħna.

Allura, l-baned tagħna, għandna mhux biss għax niftaħru bl-eżistenza tagħhom, imma wkoll niskopru dwarhom u nistudjaw fuqhom, fid-diversi kotba u kontribuzzjonijiet storiċi oħra, li hawn fil-Każini tagħna, għajn ta' għerf, li min jogħxa fuq l-istudju, għandu jintilef fih awtomatikament. Il-baned tagħna għandhom storja kkulurita mifruxa fuq meded twal ta' snin u żmien.

## Arkivji tal-Baned fil-Każini tal-Festi tagħna

Il-Każini tal-Festi tagħna, imxerrdin 'l hawn u 'l hemm fil-gżejjer Maltin, huma mogħnijin bl-arkivji tagħhom. Arkivju jew aħjar sala b'għamara sabiħa u antika, li fiha hemm maħżunin il-manuskritti tal-baned, it-testment manwali tas-surmastrijiet ta' qabel, innijiet popolari, marċi mill-isbaħ, qabbieża, ferrieħa, storbużi jew moderati.

Dawn l-arkivji jinteressaw bosta storiċi li jkunu jixtiequ jirfdu aktar fl-istorja tal-baned tagħna, baned li sena wara l-oħra dejjem jafu joħorġu b'xi ħaġa ġdida biex bħal donnhom jiffriskaw il-festa, jagħtuha iktar għamla ta' tiġdid permezz ta' l-innijiet marċi li jsemmgħu fit-toroq u li min jaf kemm fejqu qlub imnikkta, imweġġgħa u solitarji.

Imbagħad hemm it-taħriġ ta' l-allievi, jiġifieri meta jibda l-proċess tat-tagħlim, għall-membri żgħar u ġodda tal-banda, li normalment ikunu fdati f'idejn tajba, f'idejn għalliema – surmastrijiet mużikali kif ngħidu bil-Malti–mustaċċuni li b'mod pożittiv, ikissruhom fl-istrument li jagħżlu li jdoqqu jew li jkun hemm il-ħtieġa jdoqqu, għal waqt il-festa.

Is-surmastrijiet mużikali, għalliema ta' dawn l-istudenti novelli, jagħmlu l-parti tagħhom, b'missjoni, b'dedikazzjoni maġġura, u ma

joqogħdux lura biex mhux biss jgħallmu lil dawn l-allievi, imma jkomplu jindukrawhom sewwa perjodikament u jillustrawlhom iktar il-kapaċitajiet diġà evidenti tagħhom. Ikunu sodisfatti biss meta jarawhom bandisti rfinuti u kunfidenti.

## Mat-toroq ta' l-ibliet u l-irħula tagħna

In-nies toħroġ minn darha bi ħġarha biex tara l-banda u titpaxxa biha u timxi warajha għax fiha tara l-identità tagħha. Il-banda tkompli għaddejja, iddoqq u timxi u terġa' tieqaf. Ġieli jkun hemm ukoll nies li jitolbu dak il-ħin stess marċ partikulari. Il-banda tpaxxihom għax iddoqqulhom dak il-ħin stess saħansitra jekk toħroġ ftit 'il barra mill-programm.

Imbagħad ikun hemm l-attività tant mistennija mill-Banda nnifisha u l-ħbieb tagħha. Dan hu dak li jissejjaħ il-Kunċert Annwali li għalih il-banda tkun ifformata sew. Hawnhekk kollox irid ikun preċiż għax l-udjenza tippakkja s-sala fejn ikun qed isir il-kunċert. Il-banda tesegwixxi programm imħallat b'innijiet–marċi u kompożizzjonijiet ta' kompożituri famużi Maltin u barranin.

Il-banda daħlet ukoll fix-xandir. Programmi dwar il-banda kellna tista' tgħid fuq kull stazzjon. Programmi mtellgħin minn min hu midħla sewwa tal-baned. Programmi li jappellaw għal kull min għandu widna tajba għall-innijiet, marċi u kompożizzjonijiet. Programmi li kienu magħrufa



*Il-Banda San Ġorġ iddoqq fit-toroq ta' Bormla*

u baqgħu. Li sammru ħafna nies mar-radju.

Imbagħad, minbarra fil-ferħ il-banda ddoqq ukoll fin-niket. Fil-Ġimgħa l-Kbira, il-banda ddoqq marċi funebri. Dan għaliex f'dan il-jum infakkru l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-banda mxiet ukoll wara funerali statali ta' nies kbar Maltin u Għawdxin li mexxew pajjiżna kemm mil-lat politiku kif ukoll mil-lat reliġjuż jew ekkleżjastiku.

## L-aspett edukattiv tal-baned, ilbieraħ, illum u għal li ġej

Għalhekk il-baned m'għandhomx biss aspett, folkloristiku li jagħmilhom populisti. Għandhom ukoll l-aspett edukattiv, għax jgħallmu lit-tfal il-kultura mużikali. Minn dan l-aspett il-baned tagħna taw indubbjament kontribut mill-aqwa u minnhom ħarġu bandisti primi u surmastrijiet eċċellenti. Il-baned ipproduċew nies ta' kalibru għoli.

Jingħataw ukoll korsijiet mużikali fil-każini tal-baned, korsijiet li skala wara l-oħra, itellgħu liż-żgħar tagħna, biex ikunu bandisti ta' prima klassi. Bis-sabar kollu, l-għalliema ta' dawn il-korsijiet ikunu qegħdin iħarsu 'l quddiem biex il-kultura bandistika tkompli għaddejja. U Allaħares ma tibqax għax inkunu tlifna teżor. U min idoqq strument u min jitgħallem ieħor.

Is-Surmast tal-Banda, dak li s-soltu konna nsejħu *Maestro* jew *Mast* fil-qosor għal *Mastru* (l-isem Malti–Italjanizzat ta' Maestro) irid ikun bniedem kolt u ta' fiduċja, bniedem rispettabli, raġel serju u bis-sengħa ta' mexxej, għax warajh irid jgħaqqad banda waħda u sħiħa u hekk illi mal-bakketta timxi (jew aħjar iddoqq) il-banda.

Il-bandisti jaqblu bejniethom. Il-pipi mużikali jitgħallmuhom bl-amment. Kull simbolu jafu xi jfisser. Dak li għalina huwa tikka jew pipa għalihom huwa ħoss mill-aqwa. Huwa arpa qaddisa. U hemm sinkronizzati erħilhom isawru melodija li ttellgħek 'il fuq ġmielha. Jakkumpanjaw u jħarsu attenti għal fejn ikun qed imexxi l-bakketta tiegħu s-surmast.

## Rivalità kompetittiva u rivalità negattiva

F'xi bliet u rħula hemm iktar minn banda waħda. Għax ikun hemm żewġ festi. Ikun hemm żewġ każini jew aktar. Ikun hemm żewġ patruni–qaddisin. Għalhekk ikun hemm żewġ baned. Bosta drabi dawn jikkumplimetaw lil xulxin għax ikunu ħbieb ta' xulxin, mill-istess belt jew raħal u jħalltu u jaqsmu bejniehom u flimkien, f'ġieħ il-festa u l-post.

Imma xi minn daqqiet is-sens komun ma jirbaħx u jinqala' l-inkwiet b'naħa tgħajjar lill-oħra u tiġġieled ma' l-oħra. Dan ħafna drabi jwassal għas-sospensjoni tal-festa. Il-baned jibdew jibbuttjaw lil xulxin jew idoqqu marċi ta' tgħajjir u insulti lill-oħrajn. Dan jikkonkludi b'inċidenti serji u saħansitra ġie li wkoll b'fatalitajiet. Imma dan hu fanatiżmu li qed jinqered.

Jien tal-fehma li dawk li għandhom iktar minn banda waħda jagħmlu l-festa fis-Sajf. Dawk illi għandhom waħda, jagħmluha fix-Xitwa. Ma nafx din hijiex realtà. Imma jien osservajtha kemm-il darba, ħsibt fuqha u wara li rriflettejt ftit mhux ħażin, ħriġt b'din il-konklużjoni. Pereżempju Bormla, li tiċċelebra l-Kunċizzjoni għandha banda waħda u l-festa ssir fil-Ħarifa.

Tgħiduli imma ma ssirx fix-Xitwa. Imma ssir qrib ħafna x-Xitwa. Mit-tmienja ta' Diċembru sal-wieħed u għoxrin ta' l-istess xahar, id-data uffiċjali tal-bidu tax-Xitwa hemm tlettax-il jum, mhux ħafna. Ma nafx. Nista' nkun żbaljat. Imma hekk osservajt u dak li osservajt għandi l-pjaċir naqsmu magħkom għax naf li tilqgħuh u tapprezzawh tassew.

## Ġid

Il-Belt Cospicua, il-Belt ta' Bormla hija l-Belt tal-Kunċizzjoni Immakulata li l-festa tagħha tiġi ċċelebrata solennement fit-8 ta' Diċembru. F'din il-belt storika mill-isbaħ ta' Bormla, hemm il-Każin uniku tal-Banda, il-Każin San Ġorġ. Fih qdew nies kbar u magħrufin kemm fil-qasam politiku, lettararju, mediku u x'naf jien. Huwa Każin tal-Banda bi storja verament illustri.

Bormla tat kontribut għoli lill-kultura u lill-arti kontemporanja u fl-istorja tagħha, hemm biss is-serjetà ta' niesha u l-ġieħ tal-kompatrijotti. Għalhekk ma setax ikun, li fil-Banda tas-Soċjetà Mużikali tagħna ma jkunx hemm nies ta' stoffa, membri ta' kwalità, bandisti ta' kalibru għoli ħafna, soċji rispettati, mużiċisti mpekkabbli u kompożituri ġenji li baqgħu mmortali.

Il-baned tagħna huma leġġendarji. Ma jistax jitwarrab is-sehem li taw fl-iżvilupp kulturali ta' pajjiżna. Għax min waqqafhom emmen. Emmen fil-potenzjalità ta' niesu. Emmen fil-ħila ta' min sejjaħ. Emmen li festi bla banda huma festi mejta. Emmen li l-baned huma kolonna li jżommu l-festa 'l fuq. Emmen li Malta u Għawdex huma gżejjer monotoni mingħajr il-baned.

Għalhekk waqqafhom. Għalhekk għamilhom. Għalhekk laħħamhom u sawwarhom. Għalhekk illum qdiemu imma għadhom ġodda, xjaħu u baqgħu żgħażagħ, kibru biex jibqgħu validi. L-istejjer tagħhom huma interessanti. Hekk minn dejjem kienu. U hekk jibqgħu. Huma stejjer kbar u interessanti daqs dawk kollha li tħaddan l-istorja ta' Malta.

## Għeluq biex tkompli d-diskussjoni

Il-baned m'humiex ser jintemmu. Il-baned twieldu biex ikomplu. Il-baned, in-nies baqgħet tridhom, tħobbhom u tixtieqhom. Għalhekk, il-festa u l-banda ser jibqgħu marbutin flimkien. Ser jibqgħu jimxu id f'id. Ser jibqgħu jikkumplimentaw lil xulxin. Il-baned ser jibqgħu l-għożża tal-poplu, nistgħu ngħidu, kollu, tagħna l-Maltin u Għawdxin.

Huwa minnu li l-festa dik reliġjuża, tiġi biex nikkonċentraw fuq il-qaddis. Huwa minnu li l-festa tiġi biex nirriflettu fuq ħajjitna. Huwa minnu li l-festa tiġi biex nitqaddsu. Imma b'danakollu, ma tfissirx li l-festa għandha tkun mejta, ċassa u monotona. Lanqas Alla ma jrid dan. Alla jridna ngħixu ferħanin. U l-baned jagħmluna ferħanin. Dan il-valur, anki sentiment emottiv, jagħmel lill-baned tagħna, wieħed mill-elementi kulturali mill-aktar importanti fl-istorja ta' poplu, li ilu ħafna li bena l-identità tiegħu fuq il-mediterranjetà taċ-ċelebrazzjoni, fuq il-kuluri kollha ħajja li jiddistingwu l-popli mediterranji minn dawk nordiċi u l-kumplament, hekk li l-ilwien ta' ħajja u festa huma assoċjati ma' kull m'hu Malti u Mediterranju.

L-għeluq ta' dan l-artiklu ma jtemmx id-diskussjoni dwar il-baned. Fl-istaġun tal-festi u lil hinn minnu, il-baned, jitkellem dwarhom kulħadd. Għax b'xi mod jew ieħor, kulħadd kellu konnessjoni magħhom. Min daqq magħhom u min semagħhom, min mexxihom u min tpaxxa bihom. Sakemm tibqa' Malta u jibqgħu l-festi, il-baned ma jintemmux.


There are many ways to protect your car.
Unfortunately they do not all work, Protecting yourself against risk should not be left to chance. When it comes to insurance there's only one way to go – the safe way.
**Elmo Insurance. That secure feeling.**

Elmo

**Elmo Insurance Ltd.**
Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, MSD 12
**Tel: 234 30000** Fax: 2134 5037
E-mail: elmo@elmogroup.com
Website: www.elmogroup.com

| Branch Offices | Birkirkara | Cospicua | Paola | Qormi | Rabat | Valletta | Żebbuġ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2343 0322 | 2343 0301 | 2343 0306 | 2343 0311 | 2343 0331 | 2343 0316 | 2343 0326 |

Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on business of Insurance, regulated by the MFSA